IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2016
COM(2016) 856 final

ANNEX 1

**ANNESSI**

**tal-Proposta għal**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012 u (UE) Nru 2015/2365**

{SWD(2016) 368 final}
{SWD(2016) 369 final}

**ANNESS**

# TAQSIMA A

## REKWIŻITI GĦALL-PJANIJIET TA' RKUPRU

1. Il-pjan ta' rkupru għandu:

   (1) ma jassumi l-ebda aċċess jew li se jirċievi għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja;

   (2) iqis l-interessi tal-partijiet konċernati kollha li x'aktarx jiġu affettwati minn dan il-pjan;

   (3) jiżgura li l-membri tal-ikklerjar ma kollhomx skopertura bla limitu għas-CCP.

Matul il-proċess tat-tfassil tal-pjan, is-CCP għandha tiżviluppa mekkaniżmi adegwati biex tinvolvi lill-FMIs marbuta u lill-partijiet konċernati li jġarrbu telf, spejjeż jew li jikkontribwixxu biex jiġi kopert in-nuqqas ta' likwidità f'każ li l-pjan ta' rkupru ġie implimentat.

2. Il-pjan ta' rkupru għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

   (1) sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjan u sommarju tal-kapaċità kumplessiva tal-irkupru;

   (2) sommarju tal-bidliet materjali fis-CCP minn meta ġie ffajljat l-aktar pjan ta' rkupru riċenti;

   (3) komunikazzjoni u pjan ta' divulgazzjoni li jiddeskrivi kif is-CCP għandha l-ħsieb timmaniġġja kwalunkwe reazzjoni potenzjalment negattiva tas-suq;

   (4) firxa komprensiva tal-kapital, tal-allokazzjoni tat-telf u tal-azzjonijiet tal-likwidità meħtieġa biex tinżamm jew tiġi restawrata l-vijabbiltà u l-pożizzjoni finanzjarja tas-CCP inkluż għar-restawr tal-attivi u l-passivi tagħha u tal-kapital, u r-rikostituzzjoni tar-riżorsi prefinanzjati li huma meħtieġa biex is-CCP iżżomm il-vijabbiltà tagħha bħala negozju avvjat u li tkompli tipprovdi s-servizzi kritiċi tagħha skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 152/2013 u l-Artikoli 32(2) u 32(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013;

   (5) kondizzjonijiet u proċeduri xierqa biex jiżguraw l-implimentazzjoni fil-waqt ta' azzjonijiet ta' rkupru kif ukoll firxa wiesgħa ta' alternattivi ta' rkupru, inkluż stima tal-qafas taż-żmien għall-eżekuzzjoni ta' kull aspett materjali tal-pjan;

   (6) deskrizzjoni dettaljata ta' kwalunkwe impediment materjali tal-eżekuzzjoni effettiva u f'waqtha tal-pjan, inkluż konsiderazzjoni tal-impatt fuq il-membri tal-ikklerjar u l-klijenti inkluż f'każijiet meta l-membri tal-ikklerjar x'aktarx li jieħdu miżuri skont il-pjanijiet ta' rkupru tagħhom kif imsemmi fl-Artikoli 5 u 7 tad-Direttiva 2014/59/UE, u fejn xieraq fuq il-bqija tal-grupp;

   (7) l-identifikazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi;

   (8) deskrizzjoni dettaljata tal-proċessi għad-determinazzjoni tal-valur u tal-kummerċjalizzazzjonibbiltà tal-linji tan-negozju, tal-operazzjonijiet u tal-assi ewlenin tas-CCP;

   (9) deskrizzjoni dettaljata ta' kif l-ippjanar tal-irkupru huwa integrat fl-istruttura tal-governanza korporattiva tas-CCP, kif jagħmel parti mir-regoli tal-operat

tas-CCP li dwarhom ikun intlaħaq qbil bejn il-membri tal-ikklerjar, kif ukoll il-politiki u l-proċeduri li jirregolaw l-approvazzjoni tal-pjan ta' rkupru u l-identifikazzjoni tal-persuni fl-organizzazzjoni responsabbli għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjan;

(10) arranġamenti u miżuri li jinċentivaw lill-membri tal-ikklerjar mhux inadempjenti biex jagħmlu offerti kompetittivi f'irkantijiet tal-pożizzjonijiet tal-membri inadempjenti;

(11) arranġamenti u miżuri biex jiġi żgurat li s-CCP ikollha aċċess adegwat għal sorsi ta' finanzjament ta' kontinġenza, inklużi sorsi potenzjali ta' likwidità, valutazzjoni tal-kollateral disponibbli u valutazzjoni tal-possibbiltà li jiġu trasferiti riżorsi jew likwidità bejn il-linji tan-negozju, sabiex jiġi żgurat li tkun tista' tkompli twettaq l-operazzjonijiet tagħha u tissodisfa l-obbligi tagħha malli jsiru dovuti;

(12) arranġamenti u miżuri:

(a) biex jitnaqqas ir-riskju;

(b) biex jirristrutturaw il-kuntratti, id-drittijiet, l-assi u l-passivi;

(c) biex jirristrutturaw il-linji tan-negozju;

(d) meħtieġa biex jinżamm aċċess kontinwu għall-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji;

(e) meħtieġa biex jinżamm il-funzjonament kontinwu tal-proċessi operazzjonali tas-CCP, inkluż l-infrastruttura u s-servizzi tal-IT;

(f) arranġamenti preparatorji sabiex jiġi ffaċilitat il-bejgħ tal-assi jew tal-linji tan-negozju f'qafas taż-żmien xieraq sabiex tiġi restawrata s-sodezza finanzjarja;

(g) azzjonijiet jew strateġiji oħra tal-maniġment biex tiġu restawrata s-sodezza finanzjarja u l-effett finanzjarju antiċipat ta' dawk l-azzjonijiet jew l-istrateġiji;

(h) miżuri preparatorji li s-CCP tkun ħadet jew tippjana li tieħu biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-pjan ta' rkupru, inkluż dawk meħtieġa biex tippermetti rikapitalizzazzjoni f'waqtha tas-CCP, tirrestawra l-attivi u l-passivi u tirrikostitwixxi r-riżorsi prefinanzjati tagħha kif ukoll l-infurzarabilità tiegħu f'pajjiżi oħra;

(i) qafas ta' indikaturi li jidentifika l-punti li fihom jistgħu jittieħdu l-azzjonijiet xierqa msemmija fil-pjan.

(j) fejn applikabbli, analiżi ta' kif u meta s-CCP tista' tapplika, bil-kondizzjonijiet indirizzati mill-pjan, għall-użu ta' faċilitajiet ta' bank ċentrali u tidentifika dawk l-assi li jkunu mistennija jikkwalifikaw bħala kollateral skont it-termini tal-faċilità tal-bank ċentrali;

(k) filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, firxa ta' xenarji estremi ta' stress rilevanti għall-kundizzjonijiet speċifiċi tas-CCP, inkluż eventi mifruxa mas-sistema kollha u stress speċifiku għall-entità ġuridika u għal kwalunkwe grupp li tappartjeni għalih u stress speċifiku għal membri tal-ikklerjar individwali tas-CCP jew, fejn xieraq, FMI marbuta;

(l) filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 u tal-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, xenarji kkawżati kemm mill-stress jew mill-inadempjenza ta' wieħed jew aktar mill-membri tiegħu u minn raġunijiet oħrajn inkluż telf minn attivitajiet ta' investiment tas-CCP jew minn problemi operattivi (inkluż theddid estern gravi għall-operazzjonijiet tas-CCP minħabba tfixkil estern, xokkijiet jew inċidenti ċibernetiċi);

# TAQSIMA A

## INFORMAZZJONI LI L-AWTORITAJIET TAR-RIŻOLUZZJONI JISTGĦU JITOLBU LIS-CCPS

### JAGĦTU GĦALL-FINIJIET LI JITFASSLU U JINŻAMMU L-PJANIJIET TA' RIŻOLUZZJONI

L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet jipprovdu, għall-finijiet tat-tfassil u taż-żamma tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(1) deskrizzjoni dettaljata tal-istruttura organizzazzjonali tas-CCP, inkluża lista tal-persuni ġuridiċi kollha;

(2) identifikazzjoni tad-detenturi diretti u l-perċentwali tad-drittijiet tal-vot u tad-drittijiet bla vot ta' kull persuna ġuridika;

(3) il-post, il-ġurisdizzjoni tal-inkorporazzjoni, il-liċenzjar u l-immaniġġjar ewlenin assoċjati ma' kull persuna ġuridika;

(4) immappjar tal-operazzjonijiet kritiċi u tal-linji tan-negozju ewlenin tas-CCP inklużi d-dettalji tal-karta tal-bilanċ ta' dawn l-operazzjonijiet u l-linji tan-negozju, b'referenza għall-persuni ġuridiċi;

(5) deskrizzjoni dettaljata tal-komponenti tas-CCP kollha u tal-attivitajiet kummerċjali kollha tal-entitajiet ġuridiċi tagħha, isseparati, bħala minimu skont it-tipi tas-servizzi u l-ammonti rispettivi ta' volumi kklerjati, interess miftuħ, marġini inizjali, marġini ta' varjazzjoni, fondi ta' inadempjenza u kwalunkwe dritt assoċjat ieħor ta' valutazzjoni jew azzjonijiet oħra ta' rkupru li jappartjenu lil tali linji ta' negozju;

(6) dettalji tal-kapital u tal-istrumenti tad-dejn maħruġin mis-CCP u mill-entitajiet ġuridiċi tagħha;

(7) identifikazzjoni ta' mingħand min is-CCP tkun irċeviet il-kollateral u f'liema forma (trasferiment ta' titolu jew garanzija), u li għalihom tkun ippleġġjat kollateral u f'liema forma u l-persuna li żżomm il-kollateral, u fiż-żewġ każijiet l-ġurisdizzjoni li fiha jinsab il-kollateral;

(8) deskrizzjoni tal-iskoperturi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tas-CCP u tal-entitajiet legali tagħha, inkluż immappjar tal-operazzjonijiet kritiċi u tal-linji tan-negozju ewlenin tagħha;

(9) il-ħeġġijiet materjali tas-CCP inkluż l-immappjar ma' persuni ġuridiċi;

(10) identifikazzjoni tal-iskoperturi u tal-importanza relattivi tal-membri tal-ikklerjar tas-CCP kif ukoll analiżi tal-impatt tal-falliment ta' membri ewlenin tal-ikklerjar tas-CCP;

(11) kull sistema li fiha s-CCP twettaq għadd materjali jew tivvalorizza l-ammont tat-tranżazzjonijiet, inkluż l-immappjar mal-persuni ġuridiċi, l-operazzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin tas-CCP;

(12) kull sistema ta' pagament, ikklerjar jew saldu li s-CCP hija direttament jew indirettament membru tagħha, inkluż l-immappjar mal-persuni ġuridiċi, l-operazzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin tas-CCP;

(13) inventarju u deskrizzjoni dettaljati tas-sistemi tal-immaniġġjar tal-informazzjoni ewlenija, inklużi dawk għall-immaniġġjar tar-riskji, għall-kontabbiltà u għar-rapportar finanzjarju u regolatorju użati mis-CCP inkluż l-immappjar mal-persuni ġuridiċi, tal-operazzjonijiet kritiċi u tal-linji tan-negozju ewlenin tas-CCP;

(14) identifikazzjoni tas-sidien tas-sistemi identifikati fil-punt (13), il-ftehimiet fil-livell ta' servizz relatati magħhom, u kwalunkwe softwer u sistemi jew liċenzji, inkluż l-immappjar mal-entitajiet legali, tal-operazzjonijiet kritiċi u tal-linji tan-negozju ewlenin tagħhom;

(15) identifikazzjoni u mmappjar mal-persuni ġuridiċi u l-interkonnessjonijiet u l-interdipendenzi bejn l-persuni ġuridiċi differenti bħal:

– persunal, faċilitajiet u sistemi komuni jew kondiviżi;

– arranġamenti ta' kapital, finanzjament jew likwidità;

– skoperturi ta' kreditu eżistenti jew kontinġenti;

– ftehimiet ta' kontrogaranziji, arranġamenti ta' kontrokollateral, dispożizzjonijiet ta' kontroinadempjenza u arranġamenti ta' netting tal-kontroaffiljati;

– riskji tat-trasferimenti u arranġamenti ta' negozjar spalla ma' spalla; ftehimiet fil-livell ta' servizz;

(16) l-awtorità kompetenti u ta' riżoluzzjoni għal kull persuna ġuridika, jekk ikunu differenti minn dawk maħtura skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament;

(17) il-membru tal-bord responsabbli li jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex jitħejja l-pjan ta' riżoluzzjoni ta' CCP kif ukoll dawk responsabbli, jekk differenti, għall-persuni ġuridiċi differenti, għall-operazzjonijiet kritiċi u għal-linji tan-negozju ewlenin;

(18) deskrizzjoni tal-arranġamenti li s-CCP għandha fis-seħħ sabiex tiżgura li, fil-każ ta' riżoluzzjoni, l-awtorità tar-riżoluzzjoni jkollha l-informazzjoni kollha meħtieġa, kif determinat mill-awtorità tar-riżoluzzjoni, għall-applikazzjoni tal-għodod u tas-setgħat tar-riżoluzzjoni;

(19) Il-ftehimiet kollha konklużi mis-CCP u l-entitajiet ġuridiċi ma' partijiet terzi, li t-terminazzjoni tagħhom tista' tiskatta permezz ta' deċiżjoni tal-awtoritajiet li japplikaw għodda tar-riżoluzzjoni u jekk il-konsegwenzi tat-terminazzjoni jistgħux jaffettwaw l-applikazzjoni tal-għodda tar-riżoluzzjoni;

(20) deskrizzjoni ta' sorsi possibbli ta' likwidità biex isostnu riżoluzzjoni;

(21) informazzjoni dwar tfixkil għall-assi, għall-assi likwidi, għall-attivitajiet li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, għall-istrateġiji tal-iħħeġjar u għall-prassi tad-dħul fil-kotba.

# TAQSIMA C

## KWISTJONIJIET LI L-AWTORITÀ TAR-RIŻOLUZZJONI TRID TQIS META TIVVALUTA R-RIŻOLVIBBILTÀ TA' CCP

Meta tivvaluta r-riżolvibbiltà ta' CCP, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tikkunsidra dan li ġej:

(1) sa fejn is-CCP tkun tista' timmappja l-linji tan-negozju ewlenin u l-operazzjonijiet kritiċi għal persuni ġuridiċi;

(2) sa fejn l-istrutturi ġuridiċi u korporattivi jkunu allinjati mal-linji tan-negozju ewlenin u mal-operazzjonijiet kritiċi;

(3) il-punt sa fejn ikun hemm arranġamenti fis-seħħ biex jipprovdu għall-persunal essenzjali, għall-infrastruttura, għall-finanzjament, għal-likwidità u għall-kapital biex jiġu sostnuti u miżmuma l-linji tan-negozju ewlenin u l-operazzjonijiet kritiċi;

(4) il-punt sa fejn il-ftehimiet tas-servizz li s-CCP ikollha huma infurzabbli b'mod sħiħ fil-każ ta' riżoluzzjoni tas-CCP;

(5) il-punt sa fejn l-istruttura tal-governanza tas-CCP hija adegwata għall-immaniġġjar u l-iżgurar tal-konformità mal-politiki interni tas-CCPs fir-rigward tal-ftehimiet tagħha fil-livell ta' servizz;

(6) il-punt sa fejn is-CCP għandha proċess għat-tranżizzjoni tas-servizzi pprovduti skont il-ftehimiet fil-livell ta' servizz lil partijiet terzi fil-każ ta' separazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi jew tal-linji tan-negozju ewlenin;

(7) il-punt sa fejn hemm pjanijiet u miżuri ta' kontinġenza fis-seħħ biex jiżguraw il-kontinwità fl-aċċess għas-sistemi tal-pagamenti u tas-saldu;

(8) l-adegwatezza tas-sistemi tal-informazzjoni tal-maniġment biex jiżguraw li l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jkunu jistgħu jiġbru informazzjoni eżatta u kompleta fir-rigward tal-linji tan-negozju ewlenin u tal-operazzjonijiet kritiċi sabiex jiġi faċilitat it-teħid rapidu ta' deċiżjonijiet;

(9) il-kapaċità tas-sistemi tal-informazzjoni tal-maniġment li jipprovdu l-informazzjoni essenzjali għar-riżoluzzjoni effettiva tas-CCP il-ħin kollu, anke taħt kondizzjonijiet li jinbidlu b'mod rapidu;

(10) il-punt sa fejn is-CCP tkun ittestjat is-sistemi tagħha tal-informazzjoni tal-maniġment f'xenarji ta' stress kif definit mill-awtorità tar-riżoluzzjoni;

(11) il-punt sa fejn is-CCP tista' tiżgura l-kontinwità tas-sistemi tal-informazzjoni tal-maniġment tagħha kemm għas-CCP affettwata u għas-CCP l-ġdida fil-każ li l-operazzjonijiet kritiċi u l-linji tan-negozju ewlenin jiġu sseparati mill-bqija tal-operazzjonijiet u mil-linji tan-negozju;

(12) meta s-CCP tibbenefika jew tkun esposta għal kwalunkwe garanzija intragrupp, il-punt sa fejn dawk il-garanziji jiġu provduti b'kundizzjonijiet tas-suq u kemm huma robusti s-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskju li jikkonċernaw dawk il-garanziji;

(13) meta s-CCP tinvolvi ruħa fi tranżazzjonijiet spalla ma' spalla, il-punt sa fejn dawk it-tranżazzjonijiet jitwettqu b'kundizzjonijiet tas-suq u kemm huma robusti s-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskju li jikkonċernaw dawk it-tranżazzjonijiet;

(14) il-punt sa fejn l-użu ta' garanziji intragrupp jew tranżizzjonijiet ta' dħul fil-kotba spalla ma' spalla jżidu l-kontaġju fil-grupp;

(15) il-punt sa fejn l-istruttura ġuridiċi tas-CCP jimpedixxu l-applikazzjoni tal-għodod tar-riżoluzzjoni minħabba l-għadd ta' persuni ġuridiċi, il-kumplessità tal-istruttura tal-grupp jew diffikultà fl-allinjament tal-linji tan-negozju mal-entitajiet fi grupp;

(16) il-punt sa fejn ir-riżoluzzjoni tas-CCP jista' jkollha impatt negattiv fuq xi parti oħra tal-grupp tagħha, fejn applikabbli;

(17) l-eżistenza u s-soliditá ta' ftehimiet fil-livell ta' servizz;

(18) jekk l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi għandhomx l-għodda tar-riżoluzzjoni meħtieġa biex jappoġġjaw azzjonijiet ta' riżoluzzjoni mill-awtoritajiet tal-Unjoni, u l-ambitu għal azzjoni koordinata bejn l-Unjoni u l-awtoritajiet ta' pajjiż terz;

(19) il-fattibbiltà li jintużaw l-għodod ta' riżoluzzjoni b'tali mod li jintlaħqu l-objettivi tar-riżoluzzjoni, fid-dawl tal-għodod disponibbli u tal-istruttura tas-CCP;

(20) kwalunkwe rekwiżit speċifiku meħtieġa biex jinħarġu strumenti ta' sjieda ġodda kif imsemmi fl-Artikolu 33(1);

(21) l-arranġamenti u l-mezzi li permezz tagħhom ir-riżoluzzjoni tista' tiġi ppreġudikata fil-każ ta' CCP li jkollha membri tal-ikklerjar jew arranġamenti kollaterali stabbiliti f'ġuriżdizzjonijiet differenti;

(22) il-kredibilità li jintużaw l-għodod tar-riżoluzzjoni b'tali mod li jintlaħqu l-objettivi tar-riżoluzzjoni, minħabba l-impatti possibbli fuq il-parteċipanti tal-ikklerjar, kontropartijiet oħra u l-impjegati u l-azzjonijiet possibbli li jistgħu jieħdu l-awtoritajiet ta' pajjiż terz;

(23) il-punt sa fejn jista' jiġi evalwat adegwatament l-impatt tar-riżoluzzjoni tas-CCP fuq is-sistema finanzjarja u fuq il-fiduċja fis-suq finanzjarju;

(24) il-punt sa fejn ir-riżoluzzjoni tas-CCP jista' jkollha effett negattiv dirett jew indirett sinifikanti fuq is-sistema finanzjarja, il-fiduċja fis-suq jew fuq l-ekonomija;

(25) il-punt sa fejn il-kontaġju f'CCPs oħra jew fis-swieq finanzjarji jista' jiġi kontenut permezz tal-applikazzjoni tal-għodod u s-setgħat tar-riżoluzzjoni;

(26) il-punt sa fejn ir-riżoluzzjoni tas-CCP jista' jkollha impatt sinifikanti fuq l-operat tas-sistemi tal-pagament u tas-saldu;